**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 27 ta' Gunju, 2019**

**Rikors nru: 41/18 AGV**

AB

Vs

CD fil-kwalita' taghha tal-eredi ta' ED u d-Direttur tar-Registru Pubbliku

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fis-26 ta' Jannar, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi ED twieled fis-6 ta' Awissu, 2000 gewwa l-Isptar San Luqa, Pieta', Malta mid-defunta FD nee' G.

2. Illi l-istess ED miet nhar l-14 ta’ Dicembru, 2017 (certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala Dokument A).

3. Illi l-mewt ta’ ED kienet suggett ta’ inkjesta dwar l-*in genere* u r-rikorrenti hu nfurmat li fil-mori tal-inkjesta nhatret Dr.Maria Cassar bhala espert fil-qasam tad-DNA, bl-obbligu li tiehu kampjun tad-DNA mill-persuna tad-defunt ED.

4. Illi d-defunta FD, omm l-istess ED, kienet mizzewwga lil HD, illum mejjet.

5. Illi fil-kolonna “Isem u Kunjom,” id-defunt HD huwa indikat bhala missier id-defunt ED u dan kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tal-istess ED illi jgib in-numru progress t’iskrizzjoni 2940/2000 tas-17 ta’ Awissu, 2000 mahrug mir-Registru Pubbliku (kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B).

6. Illi permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rikors Numru 163/01 NC) tal-25 ta’ Ottubru, 2013, fl-ismijiet ID et. vs F armla ta’ HD f’isimha proprju u bhala legittimu rapprezentanti ta’ binha minuri E et., il-Qorti Civili laqghet it-talba tal-atturi “(…) u filwaqt li tiddikjara li l-minuri ED li twieled minn F fis-6 ta’ Awissu, 2000 mhuwiex il-wild naturali ta’ HD, tordna li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid (numru 2940/2000) tal-istess minuri fit-termini talba attrici” (kopja tad-decizjoni hawn anness u mmarkata bhala Dokument C).

7. Illi din is-sentenza kienet tirrigwarda d-defunt ED u permezz taghha gie deciz li HD mhuwiex il-missier naturali tad-defunt ED.

8. Illi kif ghandu jirrizulta mis-smiegh u l-eventwali trattazzjoni tal-kawza, il-missier naturali tad-defunt ED huwa r-rikorrenti AB.

9. Illi r-rikorrenti minn dejjem kellu interess u ghad ghandu interess illi tigi ddikjarata l-paternita' reali tad-defunt ED.

10. Illi jirrizulta minn ittra datata 13 ta' Settembru, 2005 (annessa u mmarkata bhala Dokument D) li r-rikorrent diga' talab lil JK li kellha kustodja tal-minuri ED sabiex tissottometti lil ED ghat-testijiet relattivi tad-DNA sabiex tigi stabbilita l-paternita' u dan stante li waslitlu informazzjoni li hu jista' jkun missier il-minuri.

11. Illi r-reazzjoni tal-istess JK ghall-ittra tar-rikorrenti kienet wahda negattiva fejn ir-rikorrenti ntalab sabiex ma jergax jaghmel komunikazzjoni mal-familja taghha.

12. Illi r-rikorrenti in vista ta' dan u minhabba inkwiet bejn l-istess familji, kif ser jigi spjegat ahjar fil-mori ta' dawn il-proceduri, ma hax passi ulterjuri u dan fl-ahjar interess tal-minuri ED.

13. Illi, in vista tar-relazzjoni intima li kienet tezisti bejn ir-rikorrenti FD nee' G, fi zmien meta d-defunta FD kienet mizzewwga lid-defunt HD, qabel il-koncepiment ta' ED, ir-rikorrent ghandu raguni bizzejjed illi jemmen li huwa l-missier naturali tal-istess wild u ghaldaqstant irid illi jirrikonoxxi lid-defunt ED bhala ibnu skond il-ligi.

14. Illi, ghalhekk, wara li jsiru t-testijiet genetici kollha li ghandhom jistabilixxu li r-rikorrent hu l-missier naturali ta' ED hu mehtieg ukoll li c-certifikat tat-twelid tad-defunt ED jirrifletti dan l-istat ta' fatt.

15. Illi r-rikorrent qed jintavola dawn il-proceduri a tenur tal-Artikolu 77A u 77C tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lir-rikorrent jibda kawza dikjarazzjoni ta' paternita'.

16. Illi stante illi ghaddew is-sitt xhur mit-twelid tad-defunt ED, artiklu 77C tal-Kapitolu 16 jistipula li "l-Qorti Civili (Sezzjoni Famlja) tista' wara li jsir rikors mill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew mill-mara, u jekk ikun possibbli wara li tkun semghet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset d-drittiiet tar-rikorrenti u tat-tifel, f'kull zmien tawtorizza lill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew lill-mara biex jibdew kawza ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmi fl-Artikolu 77A u 77B."

17. Illi ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors sabiex tintalab din l-awtorizzazzjoni.

Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun, m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

Tiddeciedi u taghti l-awtorizzazzjoni taghha a tenur tal-Artikolu 77C tal-Kodici Civili sabiex tinbeda l-kawza ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmi fl-Artikolu 77A u 77B.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huwa ngunti in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta** tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa illi ghat-talba kif dedotta mir-rikorrent, l-esponent jissottometti illi stante Artikolu 77C tal-Kodici Civili jistipula illi ghandu tkun din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeciedi rigward l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tkun tista' tinbeda l-procedura ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' ghandhiex tinbeda u dan naturalment wara li l-istess Qorti tkun semghet lill-partijiet kif ukoll qieset id-drittijiet tar-rikorrent u tat-tifel, huwa jirrimetti ghall-ghaqli u savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez.

**Rat ir-Risposta** tal-konvenuta li eccepiet:-

1.Illi fl-ewwel lok teccepixxi n-nullita' tat-talba kif dedotta stante li kellha ssir permezz ta' rikors guramentat gialadarba hija bbazata fuq l-Artikoli 77 A u 77C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif gew emendati.

2.Illi l-istess talba kellha tingieb kontra CD fil-kwalita' taghha ta' eredi tad-defunti HD, FD u ED u dan ai termini tal-Artiklu 77A. sabiex ikun hemm l-integrita' tal-gudizzju.

3.Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghall-awtorizzazzjoni sabiex tinbeda kawza ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' – nonostante t-trapass ta '1 fuq minn sitt xhur mit-twelid tal-wild – ghandha tigi michuda stante li l-istess talba certament mhijiex motivata fl-ahjar interess tal-wild, izda hija motivata mill-interessi personali tar-rikorrenti.

4.Illi di piu', fic-cirkostanzi, l-Qorti mhix se jkollha l-possibilita' li tisma' l-partijiet interessati kollha stante li l-wild ED, ommu FD u HD huma lkoll defunti.
5.Illi fl-affidavit tieghu r-rikorrenti AB jispjega illi hu kien konxju tal-possibilita' li hu l-missier naturali ta' ED sa minn qabel it-twelid tal-istess ED. Madanakollu, r-rikorrenti ma ntavolax il-proceduri appositi fiz-zmien stipulat mil-ligi u wisq anqas ghamel xi tentattivi reali sabiex ikun prezenti f'hajjet il-wild. Di fatti, r-rikorret qatt ma kkontribwixa fit-trobbija jew ta xi forma ta' manteniment lill-istess ED u qatt ma kien prezenti f'hajtu.

6. Illi kellu jkun biss wara l-mewt tragika tal-istess minuri ta' sbatax-il sena, kif ukoll wara l-mewt ta' omm il-minuri, li r-rikorrent intavola proceduri ghad-dikjarazzjoni ta' paternita'.

7.Illi f'dawn ic-cirkostanzi, il-motivazzjoni hija kjarament u unikament wahdu pekunjarja u mhux fl-interess tal-wild u dan apparti diffikutaljiet prattici li ser jinqalghu sabiex jingabru l-provi necessarji.

8.Illi f'kull kaz u in subsidium r-rikorrenti jehtieglu jipprova li fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid ta' ED, id-defunta omm l-esponenti kienet wettqet adulterju mieghu u dan apparti provi ohra ai termini tal-artiklu 77A.

9. Illi, ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li r-rikors ipprezentat mir-rikorrenti huwa null u bla effett u in subsidium sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom.

10.Salv kwalunkwe eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli fil-ligi.

**Rat is-sentenza** in parte datata 28 ta' Gunju, 2018[1]

**FATTI**

[1] Ara fol.37 tal-process.

1. FD, kienet oht l-ex mara ta' MB. Kienet qalet li ma kinitx mar-ragel u kienet izuru ta' spiss fir-residenza tieghu "My Nest," St.Julians Street, B'kara.

2. Kemm MB il-missier, kif ukoll l-ibnu MB ikkonfermaw li FD kienet tkun spiss ma' AB u kemm il-darba kienet torqod mieghu d-dar jew ir-razzett, anzi kienet tkun mieghu gurnata shiha.

3. F'xi zmien qalet lil MB, missier A li kienet se taghmlu nannu. Dan huwa kkonfermat ukoll minn hu A, MB.

4. Gie kkonfermat ukoll li f'xi zmien FD u AB kellhom xi jghidu u ma baqghux jiltaqghu, izda kellha tarbija jismu ED. Ix-xhieda kollha nnewgaw li l-konvenuta kienet tbati minn problemi mentali.

5. FD kienet mietet ghall-habta ta' Awissu, 2002 u xi sentejn wara, MB jikkonferma li ibnu AB kien qallu li kien jahseb li ED kien ibnu u xtaq jirrikonoxxih. Kien ghalhekk baghat ittra tramite l-avukat tieghu lil JK li kienet tiehu hsieb il-minuri ED, izda hi ma qablitx li ghandu jirrikonoxxih. Ighid li kien tah parir lil ibnu biex ma jmexxix bil-proceduri legali biex ma jintuzax bhala arma bejn il-familji. Dan kollu huwa kkonfermat minn huh MB li jametti ukoll li l-attur dejjem wera x-xewqa li jirrikonoxxi lil ibnu, izda kien bi hsiebu jaghmel dan meta jkollu tmintax-il sena biex ma ssirlux hsara psikologika u ma jkollox indhil minn zijtu JK. Ighid li xi kultant kienu joqghodu jarawh fuq Facebook.

6. LN, kellha relazzjoni mal-attur u kellha tifla minghandu OB. Tghid li kien hemm zmien meta hassru ghall-perjodu ta' xi erba' xhur, l-attur kien ammetta maghha li kellu relazzjoni ma' FD u li din kienet tqila. N tghid li f'xi zmien kienu marru l-festa ta' Hal Qormi, ghax sadanittant kienet

regghhet irrangat mal-attur u hemmhekk kienu ltaqghu ma' PB, l-ex mara ta' missier l-attur. Din kienet stqarret li t-tifel tal-konvenuta kien jixbah lill-attur hafna. Kien ghalhekk li l-attur kien iddecieda li jmur jiehu parir minghand avukat u ntbaghtet ittra li JK sabiex isiru t-testijiet tad-DNA, izda kienet oggezzjonat u kienet talbitu sabiex ihallihom bil-kwiet. Hawn kien sar jaf li kien hemm kawza biex HD ma jibqax jidher bhala missier il-minuri fic-certifikat tat-twelid. Ikkonfermat li dina l-kawza damet ghaddejja xi tlettax-il sena anke meta kienu jafu li huwa ma kienx il-missier naturali. Tghid li l-attur ma seta' jaghmel xejn u kellu idejh marbutin.

**7.** LN tkompli tikkonferma li l-attur dejjem baqa' lura milli jiftah proceduri legali u dan sabiex ma jaghmilx hsara lit-tifel. Peress li kien gej minn familja separata, ma riedx li t-tifel ighaddi minn xiex ghadda hu u dejjem kellu l-ahjar interess tal-minuri. Tghid li fl-2013, hi, l-attur, kif ukoll ohtu Q kienu marru ghand avukat peress li l-attur kien sar jaf li kienet saret kawza mill-genituri tal-konvenuta I u RD, fejn kien gie deciz illi HD, ir-ragel ta' FD, ma kienx il-missier naturali ta' ED. Tikkonferma ukoll illi dakinhar li kienet mietet il-konvenuta kienet cemplet ohtha PB lill-attur biex tinfurmah bil-mewt. Fil-15 ta' Dicembru, 2017 kienu marru l-kamra mortwarja sabiex jaraw il-kadavru ta' ED u tghid li kienet rat li certu CD tmur tghannaq lill-attur. Dan kollu gie kkonfermat minn ST, oht l-attur, li ziedet tghid li JK hasbet li kien ahjar jekk l-attur ma jmurx jara l-kadavru ta' ED.

8. ST, oht l-attur, tikkonferma li f'Marzu, 2013, CD, il-konvenuta u oht ED, kienet ammettiet maghha li huha kien bin l-attur u li kien jixbhu immens. Ix-xhud tghid li CD kienet taht l-impressjoni li suppost kienet taf b'dan. Kien ghalhekk li kkonfermat dan kollu ma' ommha PB li qaltilha ukoll li

l-attur kien ipprova jara jekk hux missier il-minuri ED u kien baghat ittra lil JK permezz tal-avukat u li kienet irrispondiet fin-negattiv.

9. Fl-14 ta' Dicembru, 2017 kienet saret taf li miet ED u kienet marret izzur lil JK fejn kien ighix E u hemm semghet li qabel ma miet E kien stqarr mal-habib tieghu UV li kien imfixkel fuq il-fatt li ma kienx jaf min kien missieru. Indunat ukoll li ma kienx minnu li ma riedx ikollu x'jaqsam mal-familja naturali u biologika tieghu, anzi kien ried isir jaf min hu missieru u li ma kellux relazzjoni tajba mal-familja li trabba fiha. Tghid li sahansitra ohtu CD kienet ammettiet maghha li ma kellhiex relazzjoni tajba ma' huha E u ma kellha ebda interess li ttejibha.

   Ikkonfermat ukoll li kienet qrat ir-rapport fuq ED fl-ghassa u hemm irrizulta li JK kienet ammettiet li kien bin l-attur.

10. OB hija bint l-attur u LN. Tghid li l-attur kien infurmaha li seta' kellha huha ED u li kellu x-xewqa li jirrikonoxxih pero' peress li r-relazzjonijiet mal-familjari tieghu ma kienux tajbin, kien ahjar li jevita l-proceduri l-qorti.

   Tghid ukoll li l-aqwa habib ta' E, UV kien ikkomunika maghha permezz ta' Facebook u kien qallha li ftit qabel ma' miet, ED kien kellmu fuq min seta' kien missieru.[2]

11. QB , oht l-attur tikkonferma li FD kienet tiffrekwenta d-dar ta' missierha, li dak iz-zmien kien mizzewweg lil oht il-konvenuta. Tghid li kienet indunat li F kienet tkun hafna ma' huha l-attur u li gieli kien jorqod maghha. Aktar tard kienet saret taf li F kienet harget tqila u kienet qaltilha li t-tarbija kienet ta' ragel sabih. Kienet ukoll accennat ghall-fatt li

[2] Ara Dok.A1 sa A7 a fol.60 tal-process.

minhabba li l-genes taghha u tar-ragel HD kienu jaqblu, qatt ma kien possibbli li jkollhom tfal kompletament b'sahhtihom. Fil-fatt uliedhom kellhom problemi fil-kliewi.

Tghid li fis-sena 2003 kienet il-festa tal-Vitorja, in-Naxxar u kienet iltaqghet ma' omm il-konvenuta li kienet qaltilha li t-tarbija, ED kien "A in-nattiv." Aktar tard fiz-zmien huha l-attur kien ukoll qalilha li seta' kien li E kien ibnu. Kienet taf ukoll li huha xtaq ikollu kuntatt ma' ibnu u jirrikonoxxih, izda peress li haseb li kellu relazzjonijiet tajba mal-familja li kienet qed trabbih, kien ahjar li ma jmexxix bil-proceduri legali, specjalment meta JK, li kienet trabbi lil E, rrifjutat li tikkoopera wara li kienet ntbaghtitlha ittra minghand avukat. Madanakollu, tghid li l-attur qatt ma waqaf biex jasal il-mument li jkun jista' jikkonferma l-paternita' tieghu.

12. L-attur jikkonferma li kellu relazzjoni mal-konvenuta fi zmien li kienet ghaddejja bi problemi mar-ragel u hu kellu problemi mal-partner tieghu. Ighid li r-relazzjoni damet erba' xhur u l-konvenuta kienet qaltlu li kienet qed tistenna t-tarbija tieghu. Dan kien ghall-habta ta' Novembru, 1999. Kienet ghamlet il-"pregnancy test" u hu kien prezenti meta rrizulta pozittiv.

Jikkonferma ukoll illi kien hemm dizgwid bejn il-familja taghha u l-familja ta' missieru peress li dan kien mizzewweg lil oht il-konvenuta u din kienet it-tieni mara tieghu. Jispjega li wara erba' xhur hu u F kellhom xi jghidu u kienu nfirdu u dan kien ghall-habta ta' Jannar, 2000. Ighid ma kien sema' xejn fuqha, hlief li meta kien miet zewgha u li kienet mietet hi u mbaghad li miet E u dan kien fl-14 ta' Dicembru, 2017 permezz ta' suwicidju. Meta sar jaf dwar din l-ahbar kien mar ikellem l-Ispettur Nicholas Vella u qallu

bl-istorja u wara li tkellmu mat-tabib Mario Scerri kienu ftehmu li kellhom jinqabdu l-esperti sabiex jiehdu t-testijiet tad-demm. Ighid li huwa nfurmat li kienet inhatret Dr. Marisa Cassar bhala espert.

Peress li kienu ggieldu jghid li kien jaf li l-konvenuta kienet qed tinnega li t-tarbija kienet tieghu. Jikkonferma ukoll li kien sema' li kienet saret kawza mill-genituri ta' zewg il-konvenuta biex inehhu lill-minuri minn fuq ismu u dan kien fis-sena 2013.

Ighid li hu kien baghat ittra permezz tal-avukat lil JK, oht il-konvenuta li kienet qed trabbi lil ED, wara li mietet ommu, biex jaghmlu t-testijiet tad-DNA, izda rrispondietu sabiex ihallihom bil-kwiet. Iddecieda li fl-ahjar interess tal-minuri ma jkomplix bil-proceduri sakemm jikber, imma sadanittant kien miet. F'dak iz-zmien ighid li t-tifel kellu erba' snin. Ighid li issa kien qed jitlob awtorizzazzjoni biex jiftah il-kawza ta' paternita' peress dejjem xtaq li jkollu konferma li hu l-missier ED. Jichad li qed jaghmel din it-talba minhabba interessi finanzjarji fl-eredita' ta' ED.

Ighid li kellu suspetti peress li l-konvenuta kienet tghid ma' kulhadd li mar-ragel ma setghetx ikollha tfal sew ghax hi u r-ragel kellhom xi haga taqbel fil-genes. Fil-fatt, uliedhom it-tnejn bil-problemi.

L-attur jispjega li qatt ma pprova jaghmel kuntatt ma' ibnu u kien difficili ghax ma riedx jaqbad u jghidlu li hu missieru hekk habta u sabta.

13. Joseph Saliba ghan-nom ta' Jobsplus li esebixxa l-employment history tal-attur.[3] Ighid li l-ahhar li l-attur kien irregistra kien fis-26 ta' Awissu, 2018

[3] Ara Dok.JS1 u JS 2

u minn hemm kien riferut ghad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali. Spjega ukoll illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni parti Part II ghad-data 10/07/1996 u s-26/9/1996, l-attur kien "dismissed from work," ikollu sitt xhur mid-data li jkun spicca mix-xoghol u mbaghad ighaddi ghall-ewwel parti tar-Registru u jkun jista' japplika d-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali biex jara jekk hux eligibbli ghal xi beneficcji.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**ECCEZZJONI PRELIMINARI**

L-intimata eccepiet illi l-attur kellu jaghmel it-talba tieghu kontra CD bhala eredi tad-defunti HD, FD, kif ukoll kontra ED u dan ai termini tal-Artikolu 77A biex ikun hemm l-integrita' tal-gudizzju.

Illi, preliminarjament, ghandu jinghad li l-Artikolu 77 A *per se* jikkontempla l-kawza ta' dikjarazzjoni ta' paternita'. L-artikolu 77 C minn naha l-ohra huwa dak l-Artikolu li jwitti t-triq ghall-kawza ai termini tal-Artikolu 77A jew B, permezz ta' talba li ghandha ssir b'rikors guramentat.

Wiehed jifhem li ma kienx hemm lok biex l-attur jipprezenta r-rikors kontra CD bhala eredi ta' HD u dan peress li dina l-Qorti diga' kellha okkazzjoni li tippronunzja ruhha fejn iddikjarat b'sentenza tal-25 ta' Ottubru, 2003 (163/01) li HD mhux il-missier naturali u biologiku tal-minuri, illum mejjet, ED Ghalhekk ma hemmx aktar il-htiega li t-talba ssir kontra HD. Huwa minnu li l-attur ma pprezentax it-talba kontra l-eredi tal-omm il-minuri FD, izda kif diga' gie

accennat dan ir-rikors guramentat mhuwiex il-kawza proprja u ghalhekk jekk dina l-Qorti kellha tilqa' dan ir-rikors, kif irid jigi deciz hawn taht, imbaghad ghall-integrita' tal-gudizzju jkun opportun li l-kawza ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' tinfetah kontra CD bhala eredi tad-defunta FD. Sa dan il-punt, anke jekk il-kawza nfethet kontra l-konvenuta bhala eredi tad-defunta FD, l-provi migjuba ma kinux se jkunu wisq aktar differenti.

**APPLIKAZZJONI ARTIKLU 77C**

Dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 77C, din il-Qorti trid qabel xejn tiddetermina, wara li semghet il-partijiet interessati kollha, id-drittijiet tar-rikorrent u tat-tifel.

Illum il-Qorti ghandha kaz pjuttost aktar difficili mis-soltu peress li t-tifel illum jinsab mejjet u miet bla qatt ma sar jaf minn kien missieru naturali.. L-attur qed jinsisti li huwa l-missier naturali u biologiku tat-tarbija u effettivament hemm kawza ohra fl-ismijiet **ID et. vs FD et noe. (163/01)** deciza fil-25 ta' Ottubru, 2013 fejn HD, zewg il-mejta FD gie ddikjarat li mhux il-missier naturali tal-minuri E u kellu jsir il-kancellament ta' ismu minn fuq l-att tat-twelid. Madanakollu, dan il-kancellament ma sarx.

L-atturipprezenta diversi xhieda li kkonfermaw li huwa l-missier naturali ta' E ghaliex ghal cirka perjodu ta' erba' xhur, meta l-mejta FD kellha problemi mar-ragel taghha kienet bdiet relazzjoni mal-attur. Kemm l-attur kif ukoll il-familjari tieghu lkoll kkonfermaw li F kienet ikkonfermat li t-tarbija kienet tal-attur.

Permezz ta’ ittra datata 13 ta’ Settembru, 2005[4], l-attur, permezz tal-avukat legali tieghu kien bghatt ittra fejn talab lil JK, li kienet kuratrici tal-minuri e, peress li l-genituri tieghu kienu mietu u bhala zitu rabbietu hi, biex tissottometti lill-minuri ghat-testijiet tad-DNA. Mill-provi jirrizulta li dawn it-testijiet qatt ma saru peress li JK talbet lill-attur biex ihallihom bi kwiethom. Jidher li r-relazzjonijiet bejn l-attur u l-familja tieghu ma’ dik tal-minuri ma kinux tajbin, ghaliex ftit qabel, missier l-attur kien mizzewweg lil oht il-mejta FD. In vista ta’ dan l-attur u l-familjari tieghu kollha kkonfermaw li kien ahjar li l-attur ma kompliex bil-proceduri legali biex jigi ddikjarat li huwa l-missier naturali u biologiku tat-tifel E, biex ma jikkagunalux aktar trawmi f’hajtu.

Wiehed jifhem ghalhekk ghalfejn l-attur qatt ma ha fetah proceduri legali. Il-konvenuta qed tinsisti li l-attur m’ghandux jinghata l-awtorizzazzjoni biex jipprocedi b’kawza ai termini tal-Artikolu 77A u 77B u dan peress li l-uniku skop wara dawn il-proceduri hu biex jiret lill-mejjet minuri ED.

Ma giex michud minn missier l-attur li minhabba l-mewt tal-genituri tieghu, il-minuri kien wiret xi somma flus. Madanakollu, l-attur, hames snin wara li kien twieled it-tifel minur E diga’ kien wera’ x-xewqa li jkun missieru, izda dan gie negat lilu. Jista’ jaghti l-kaz li minhabba l-koincidenza tal-ftuh ta’ dawn il-proceduri mal-mewt tal-minuri, jista’ jaghti lok biss ghall-hsieb wiehed u cioe’ li l-attur irid jiggwadanja finanzjarjament, partikularment peress li jidher li mhux konsistenti fl-impjieg tieghu u kwalsiasi introjtu jista’ dejjem ikun ta’ vantagg ghalih.

Izda dina l-Qorti thoss li l-verzjoni tal-attur hija aktar verosimili meta jghid li ma riedx johloq inkwiet, u trawmi fuq il-minuri li diga’ kien rah bizzejjed f’hajtu u

[4] Ara Dok.D a fol.11 tal-process.

ghalhekk illum li miet ukoll, ma kienx ser johloqlu ebda pregudizzju, izda kien biss ser jipprova jikkonferma dak li dejjem xtaq ikun jaf u cioe' li huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri E. Il-Qorti hija konvinta li anke l-istess minuri ED illum mejjet, xtaq jiskopri l-verita'. Is-suwicidju, huwa evidenza ta' skuntentezza f'hajtu u dan huwa kkonfermat mill-ahhar kliem li bghat lill-habib tieghu UV, fejn qallu li kien imfixkel fuq il-fatt li ma kienx jaf min kien missieru.

Ghaldaqstant, in vista ta' dan u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, thoss li huwa dritt sacrosanct ta' missier li jigi ddikjarat bhala missier il-wild tieghu. Li kieku ED kien ghadu haj, zgur kien jixtieq din ic-certezza f'hajtu u ghalhekk huwa dritt tieghu li jkun legittimat. Ghalhekk minn dak li semghet u evaluwat, l-attur ghandu jinghata awtorizazzjoni sabiex jipprocedi b'kawza ai termini tal-Artikolu 77A u 77B.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;
Tilqa' t-talba tar-rikorrenti, u ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jibda l-kawza ghad-dikjarazzjoni ta' paternita', kif imsemmi fl-Artikoli 77A u 77B tal-istess Kap.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn l-attur u l-konvenuta CD.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci Deputat Registratur**